

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

204/25

19/03/2025

## **Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE dwar l-allinjament ta' ċerti pajjiżi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent, l-okkupazzjoni jew l-annessjoni illegali mill-Federazzjoni Russa ta' ċerti żoni tal-Ukrajna mhux ikkontrollati mill-gvern**

Fit-18 ta' Frar 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/338<sup>1</sup>.

Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/338 ġeddet ir-reġim b'sena sal-24 ta' Frar 2026.

L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Georgia, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, ir-Repubblika tal-Moldova, is-Serbja u l-Ukrajna jallinjaw ruħhom ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Huma ser jiżguraw li l-politiki nazzjonali tagħhom ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-Unjoni Ewropea tiegħu nota ta' dan l-impenn u tilqgħu b'sodisfazzjon.

---

<sup>1</sup> ĠU L, 2025/338, 19.02.2025, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec\\_impl/2025/338/oj](http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/338/oj)